MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 433/2006

Bank of Valletta p.l.c
vs
Emanuel u Doris mizzewgin Brincat

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti li bih espona:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat fl-20 ta' Lulju 1995, in atti Nutar Dottor Pierre Cassar u fis-*sanction letter* datata fis-17 ta' Settembru 1997 (Dok. 'A' u 'B'), is-socjeta` rikorrenti kienet ikkoncediet facilita` bankarja lill-intimati Emanuel u Doris mizzewgin Brincat;

2. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet tinsab kreditrici tal-intimati Emanuel u Doris mizzewgin Brincat fis-somma ta' tmint elef, mitejn u tnejn u disghin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm8,292.75) bilanc ghad-debitu fil-

"Loan Accounts" ta' Emanuel u Doris mizzewgin Brincat mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. "C1 sa C6", u Dok. "D") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-25 ta' April 2006 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi kienu sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u s-*sanction letter* fuq imsemmija (u esebiti mar-rikors bhala Dokumenti "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Emanuel u Doris mizzewgin Brincat;

(a) kienu naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u *sanction letter*, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u sanction letter sopraindikati, u/jew, (c) kien hemm bidliet materjali fic-cirkonstanzi ta' l-istess konvenuti Emanuel u Doris mizzewgin Brincat li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura ta' l-isemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

4. Illi r-rikorrent nomine kien jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-intimati kienu gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 23 ta' Frar 2006 li kopja taghha kienet giet esebita u mmarkata Dok "E", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn kienu baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Il-bank rikorrenti talab lill-Qorti

1. Tiddikjara u tiddeciedi li kienu sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt datat fl-20 ta' Lulju 1995, in atti Nutar Dottor Pierre Cassar u s-sanction letter fuq imsemmija (u esebiti bhala Dokument "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Emanuel u Doris mizzewgin Brincat (a) kienu naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u *sanction letter*, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u sanction letter sopraindikati, u/jew, (c) kien hemm bidliet materjali fic-cirkonstanzi ta' l-istess

konvenuti Emanuel u Doris mizzewgin Brincat li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta` tal-hlas lura ta' l-isemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

2. Tikkundana lil Emanuel u Doris mizzewgin Brincat ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' tmint elef, mitejn u tnejn u disghin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm8,292.75) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u Accounts" ta' Emanuel u Doris mizzewgin Brincat mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. "C1 sa C6" u Dok. "D") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-25 t'April 2006 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 23 ta' Frar 2006 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li gew prezentati kontestwalment mar-rikors kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-bank rikorrent.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensur tal-bank rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**
Rat illi l-intimat Emmanuel u Doris Brincat debitament notifikati skond il-ligi mghajtin tliet darbiet ma deherux ghas-seduta tal-lum u anqas ipprezentaw risposta.

**C. KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk peress li t-talba tas-socjeta` rikorrenti tidher gustifikata, il-Qorti qed tilqa' t-talba fis-sens li:

Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt datat fl-20 ta' Lulju 1995, in atti Nutar Dottor Pierre Cassar u s-sanction letter fuq imsemmija partikolarment imma mhux esklussivament, billi Emanuel u Doris mizzewgin Brincat (a) kienu naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif

stipulat fl-imsemmija kuntratt u ***sanction letter***, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u sanction letter sopraindikati, u/jew, (c) kien hemm bidliet materjali fic-cirkonstanzi ta' l-istess konvenuti Emanuel u Doris mizzewgin Brincat li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilta` tal-hlas lura ta' l-isemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

Ghalhekk tikkundanna lil Emanuel u Doris mizzewgin Brincat ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' tmint elef, mitejn u tnejn u disghin Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm8,292.75) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-25 t'April 2006 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Spejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------